Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 127/2015

Il-Pulizja
Spettur Maurice Curmi

Vs

Jason Sciberras

Illum 21 ta' Jannar, 2016

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellat, Jason Sciberras, detentrici tal-karta tal-identita Maltija bin-numru: 404677M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fit-12 ta' Awwissu, 2014 ghall-habta tal-10:00 ta' bil-lejl fi Triq Sant' Aristarku San Pawl il-Bahar, barra l-Aphrodite Bar, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'perikolu car, ikkaguna offiza gravi fuq il-persuna ta' John Said detentur tal-karta tal-identita' numru 821155M, skond kif iccertifika t-Tabib Carlo Refalo MD (Reg. 3235), tal-Isptar Mater Dei, ai termini tal-Artikoli 214, 216 u 218 u tal-Kodici Kriminali Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, tapplika l-provvedimenti tal-artikoli 383 u 384 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal -Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tas-26 ta' Frar, 2015, fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 214, 216 u 218 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni sabet lill-imputat hati u illiberatu bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn ai terminu tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-18 ta' Marzu, 2015, fejn talbet lil din l-Onorabbli Qorti tirriforma s-sentenza appellata fejn filwaqt li tikkonfermaha fil-parti fejn sabet lill-appellant hati tal-imputazzjoni migjuba kontrh, tghaddi wkoll sbiex flimken mal-piena diga' erogata mill-Ewwel Onorabbli Qorti tikkundanna lill-appellat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti fil-proceduri.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Avukat Generali huma s-segwenti w cioe':-

Illi fis-sitta (6) ta' Marzu, tas-sena elfejn u hmistax (2015) l-esponent ircieva minghand il-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali l-atti processwali fl-ismijiet premessi u hassu aggravat bihom b'mod car u manifest in kwantu li kien hemm enuncjazzjoni u applikazzjoni zbaljata tal-ligi meta Jason Sciberras ma giex ikkundannat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti;

Illi minkejja li fit-tahrika l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Maurice Curmi talab lill-Ewwel Onorabbli Qorti sabiex f'kaz ta' htija hija tikkundanna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti fil-proceduri, effetivament il-Qorti msemmija naqset milli taghmel dan. L-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jghid:

533. (1) Meta l-kawża ssir mill-Pulizija *ex officio*, il-qorti għandha meta tagħti s-sentenza jew f 'kull ordni ieħor wara, tikkundanna l-ħati jew il-ħatjin, ilkoll flimkien

*in solidum* jew kull wieħed għalih, għall-ħlas, lir-reġistratur, tal-ispejjeż kollha jew ta'parti mill-ispejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri, inklużi dawk tal-esperti li jkunu ġew maħtura fl-istadju tal-proċess verbal tal-inkjesta, f'dak iż-żmien u f'dak l-ammont bħal ma jkun ġie stabbilit fis-sentenza jew fl-ordni.

Illi fil-kaz odjern l-espert mediko-legali Dr. Mario Scerri gie nominat mill-Ewwel Onorabbli Qorti sabiex jezamina lill-vittma John Said u jiddetermina l-ferita li l-istess vittma sofra fl-incident in kwistjoni. L-imsemmi espert esleta l-inkarigu tieghu fis-seduta mizmuma nhar is-sitta u ghoxrin (26) ta' Frar tas-sena elfejn u hmistax (2015) u pprezenta r-relazzjoni maghmlua minnu. Minkejja dan, l-Ewwel Onorabbli Qorti naqset milli tikkundanna lill-appellat Jason Sciebberas ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-espert Dr. Mario Scerri hekk kif tixhed is-sentenza moghtija nhar is-sitta u ghoxrin (26) ta' Frar tas-sena elfejn u hmistax (2015), u dan minkejja li l-artikolu sucitat tasstivament jimponi tali hlas.

Ikkunsidrat,

Illi dan huwa appell imressaq mill-Avukat Generali limitatament ghal dak li jirrigwarda n-nuqqas mill-Ewwel Qorti milli taderixxi ma' dak dispost fl-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dan meta wara li giet imposta l-piena fuq il-hati u cioe' l-appellat ghar-reati li dwarhom huwa gie misjub hati, ma ghaddietx sabiex tordnalu ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta'l-esperti fil-kaz. L-Avukat Generali hawnhekk qed jirreferi ghal hlas dovut in konnessjoni mal-hatra ta'l-espert mediko-legali Dr. Mario Scerri fl-ammont ta' €180.84, nominat sabiex jezamina l-feriti sofferti mill-vittma ta' dan ir-reat.

Illi l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 gie emendat bl-Att XIII ta'l-2005 meta l-kundanna ghal hlas ta'l-esperti nominati kemm fil-kawza kif ukoll fl-*in genere* marbut ma' dak il-kaz ma baqax soggett ghat-talba tal-prosekuzzjoni jew imhollija fid-diskrezzjoni tal-Qorti, izda kellha tigi imposta fuq il-hati b'mod tassattiv fis-sentenza, jew f'ordni li tinghata wara, f'kaz ta' sejbien ta htija anke meta l-istess kundanna ma tkunx giet mitluba. Illi allura wara l-kundanna u il-piena erogata ghar-reat marbut ma' dik il-

kundanna il-Qorti ghandha tghaddi sabiex tordna lill-persuna hekk misjuba hatja sabiex thallas l-ispejjez kif indikat fl-artikolu 533 ghaliex hemm dispost testwalment:

**"Meta l-kawża ssir mill-Pulizija ex officio, il-qorti għandha meta tagħti s-sentenza jew f'kull ordni ieħor wara, tikkundanna l-ħati jew il-ħatjin, ilkoll flimkien in solidum jew kull wieħed għalih, għall-ħlas, lir-reġistratur, tal-ispejjeż kollha jew ta' parti mill-ispejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri, inklużi dawk tal-esperti li jkunu ġew maħtura fl-istadju tal-proċess verbal tal-inkjesta, f'dak iż-żmien u f'dak l-ammont bħal ma jkun ġie stabbilit fis-sentenza jew fl-ordni."**

Dan jaghmel sens ghaliex l-ispejjez imhallsa mir-Registratur tal-Qorti in konnessjoni mal-investigazzjoni li issir mill-Inkwirenti u wara mill-Qorti sabiex tinkixef il-verita biex b'hekk ikun possibbli illi issir gustizzja ma ghandhomx ikunu ta' piz fuq l-erarju pubbliku meta ghal kummissjoni ta' dak il-fatt illecitu ikun jahti individwu/i partikolari.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali ghandu ragun fl-impunjattiva minnu imressqa il-quddiem u ghalhekk il-Qorti ma ghandhiex triq ohra hlief li takkolji l-istess.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti qieghed tirriforma s-sentenza appellata billi wara li rat l-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali tikkundanna lill-appellat ihallas lir-Registratur tal-Qorti s-somma ta' €180.84 u tikkonfermaha fil-bqija.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur